Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 58

Data: Il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru 2026
Ħin: 17:00
Post: Barcelo Fortina Sliema

Preżenti:
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
H.E Clifford Galea Vella – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

Skużati

Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

Uffiċjal Preżenti:
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

58.1 Ittri ta' apoloġiji

58.1.1 Il-President semma li Chev. Paul Farrugia, is-Sur Anthony Chircop, is-Sur Max Zammit, is-Sur Charles Bonello u s-Sur Stephen Sultana talbu li jkunu skużati.

58.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu skużati.

58.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 57

58.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

58.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mill- H.E Clifford Galea Vella, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

58.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 56

58.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn H.E Clifford Galea Vella u is-Sur Steven Axisa ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu bejn it-28 t' Awwissu 2026 u t-18 ta' Settembru 2026 li kienet tammonta għal €60,621.17.

58.4 Punti maħruġa mill-Minuti Nu. 57

58.4.1 Il-President informa li ser ikun qed jgħaddi għall-item tal-Aġenda – Kommunikazzjoni mill-President sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni.

58.5 Komunikazzjoni mill-President

58.5.1 Il-President semma li kienet intbagħtet komunikazzjoni lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Finanzi sabiex issir tfakkira dwar l-allokazzjoni finanzjarja tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għas-sena 2027.

58.5.2 Il-President semma li kienu tkomplew il-laqgħat bil-għan li titnieda pjattaforma diġitali li ttejjeb il-komunikazzjoni interna, kif ukoll il-komunikazzjoni bejn is-Sindki u l-Kunsilliera.

58.5.3 Il-President semma li kien ġie skedat il-kors tal-Mental First Aid, kif ukoll it-taħriġ S.A.F.E. organizzat mis-Sedqa b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Semma li

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

matul Novembru ser jingħata taħriġ akkreditat fuq tlett ijiem dwar il-Customer Care, li ser ikun organizzat fis-sala tal-Assoċjazzjoni. Semma wkoll li f'Jannar 2027 ser jiġi organizzat taħriġ fuq tlett ijiem dwar il-Project Management.

58.5.4 Il-President semma li l-MoU relatat mal-ħsarat li saru fuq il-vettura mikrija mingħand il-Hertz kien ġie ffinalizzat u ffirmat. Spjega li kienu ġew identifikati l-ispejjeż totali relatati ma' dawn il-ħsarat u li kienet saret ukoll komunikazzjoni mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Intern, li sa ftit xhur ilu l-ħaddiema tal-CWSF kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha, sabiex tiġi esplorata l-possibbiltà li l-Ministeru jassisti finanzjarjament lill-Assoċjazzjoni.

58.5.5 Il-President semma li l-ħaddiem tal-CWSF kien qed jingħata taħriġ bażiku fl-IT.

58.5.6 Il-President semma li kienet għaddejja komunikazzjoni mal-Ambaxxatur, is-Sur Frank Zammit, sabiex jiġu konklużi d-dettalji relatati maż-żjara fil-Vatikan u l-udjenza mal-Papa. Semma li għal din l-okkażjoni kienu ġew mistiedna wkoll il-Ministru, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, ix-Shadow Minister, l-Onor. Bernice Bonello, is-Segretarju Permanenti, is-Sur Emil Vassallo, l-Awditur Ġenerali u l-Assistent Awditur Ġenerali, kif ukoll is-Sur Paul Gatt, fil-kariga tiegħu ta' President tal-ANSEK.

Il-President semma wkoll li, fuq talba tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-biljetti tal-ajru u l-per diem allowance tal-Ambaxxatur kienu ser jitħallsu mill-Assoċjazzjoni.

Il-President semma li kien ġie infurmat li, apparti d-donazzjoni li kienet ser tingħata lill-isptar tal-Vatikan, kien opportun li tingħata wkoll tifkira lill-Papa. Għaldaqstant, semma li kien qed jiġi ddisinjat platt kommemorattiv apposta għal din l-okkażjoni.

58.5.7 Il-President semma li, waqt il-European Week of Regions and Cities fi Brussell, apparti l-istand li l-Assoċjazzjoni rnexxielha tikseb għall-ewwel darba, kienet ser tiġi organizzata wkoll laqgħa għad-delegazzjoni tas-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema li kienu ser jattendu għal din l-attività.

Din il-laqgħa ta' informazzjoni kienet ser tinżamm ġewwa Dar Malta nhar it-13 ta' Ottubru 2026. Il-President semma li, matul din il-laqgħa, il-Kunsilli setgħu jieħdu l-opportunità li joffru pubblikazzjonijiet għal-librerija ta' Dar Malta.

Semma wkoll li, fl-istess okkażjoni, kien ser jiġi ffirmat ftehim ta' kollaborazzjoni bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u r-Reġjun ta' VAMOOS fl-Ukrajna.

58.5.8 Il-President semma li kienet intbagħtet ittra ta' awguri lill-Kap Eżekuttiv il-ġdid tal-Aġenzija LESA. Semma wkoll li kienet intbagħtet komunikazzjoni ta' tfakkira sabiex jitkompla l-proċess ta' awditjar li kien ġie propost fuq is-sistema tal-LOQUS, bil-għan li tkun tista' titneħħa l-qualified opinion mir-rapporti tal-awditjar tal-Kunsilli Reġjonali.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

58.6.9 Il-President semma li nhar il-11 ta' Novembru 2026, l-Assoċjazzjoni kienet mistiedna tipparteċipa f'panel waqt konferenza li ser tittratta l-immigrazzjoni u l-inklussività fil-komunitajiet.

58.6.10 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet qed tipparteċipa f'laqgħat online relatati mal-COP31, li ser tinżamm fit-Turkija.

58.6.11 Il-President informa li kienet intbagħtet Internal Memo lill-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni dwar il-proċeduri relatati mat-teħid tas-sick leave, kif ukoll dwar l-applikazzjonijiet għall-overtime.

58.6.12 Il-President semma li l-Uffiċjal Amministrattiv I kien intalab japplika għal taħriġ fil-Minutes Taking, bil-għan li jikseb l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa fit-teħid tal-minuti u jkun jista' jibda jassisti wkoll waqt il-laqgħat tal-Assoċjazzjoni.

58.6.13 Il-President semma li kienet saret laqgħa online bejn l-esperti tal-programm ELoGE u l-Kunsilli Lokali li kienu esprimew interess li jipparteċipaw f'dan il-programm. Il-President esprima d-diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' impenn muri minn uħud mill-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' dan il-proġett.

58.6.14 Il-President semma li kien ingħata bidu għall-proġett Green Narratives, iffinanzjat mill-programm Erasmus+. Semma li, bħala parti mill-fażi inizjali tal-proġett, kienet saret żjara fis-Slovenja sabiex tiġi ppjanata u mfassla l-implimentazzjoni tiegħu.

58.6.15 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet organizzat laqgħa ma' Project Green, li matulha r-rappreżentanti ta' din l-entità talbu l-opportunità li jattendu għal-laqgħat tal-Kunsilli Reġjonali sabiex jippreżentaw u jispjegaw proġett li jixtiequ jimplimentaw b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali.

58.6.16 Il-President fakkar li l-festin tal-Milied tal-Assoċjazzjoni ser jinżamm nhar it-18 ta' Diċembru 2026 ġewwa Xara Lodge.

58.7 Aġġornament

58.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa 30 t' Ottubru 2026 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija ġewwa l-Uffiċini Amministrattivi tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ġewwa l-Marsa.

Mario Fava
President

Lianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv